PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11123 – SUMITOMO / VODAFONE / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 198/09)

1. Fit-30 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sumitomo Corporation ("Sumitomo", il-Ġappun),

— Vodafone Group Plc ("Vodafone", ir-Renju Unit),

— DABCO Limited ("DAB", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Vodafone.

Vodafone u Sumitomo se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' DAB.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Sumitomo hija kumpanija kummerċjali u ta' investiment globali. Hija tinvesti f'firxa ta' attivitajiet kummerċjali fil-Ġappun u madwar id-dinja, inklużi l-kummerċ ta' prodotti tal-metall, it-trasport u l-kostruzzjoni ta' sistemi, l-ambjent u l-infrastruttura, il-media u l-prodotti diġitali, l-enerġija, il-kimiċi u l-elettronika.

— Vodafone huwa grupp tat-telekomunikazzjonijiet attiv fl-Ewropa u fl-Afrika. Hija involuta primarjament fit-tħaddim ta' networks tat-telekomunikazzjonijiet tal-mobile u dawk fissi u l-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u teknoloġija tal-mobile u dawk fissi.

— L-attivitajiet kummerċjali tad-DAB se jkunu l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi tal-"ekonomija tal-oġġetti" biex l-apparati, il-vetturi u l-magni konnessi jkunu jistgħu jikkomunikaw, jagħmlu tranżazzjonijiet u jinnegozjaw b'mod awtonomu ma' xulxin, f'isem l-utent, bl-użu ta' teknoloġiji bħall-blockchain.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11123 – SUMITOMO / VODAFONE / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË